**Kunsill Lokali Gżira**
283/1 Triq D'Argens, Gżira
Tel 21341034, Fax 21341616

Ref Nru: Klg5/A23-08

28 t' Ottubru 2008

**Avviż tal-Laqgħa Nru K5/23**

Ser issir laqgħa tal-Kunsill, nhar il-Ħamis **30 t' Ottubru 2008, fl-4.00 p.m.** fl-uffiċċju tiegħu, 283/1 Triq D'Argens, Gzira.

1. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti
2. Materji Konnessi
3. Korrispondenza
4. Approvazzjoni ta' *Request Sheets*
5. Mozzjoni
6. Diskussjoni re *tender* tal-*Collection & Separation at Source of Household and Commercial Waste and the Hiring of Skips*.
7. Affarijiet Oħra
8. Laqgħa Oħra

Il-Pubbliku jista' jattendi għall-laqgħa skond il-líġi tal-Kunsilli Lokali Att XV ta' l-1993.

| | |
|---|---|
| Sur Dunstan Attard | Marion Monaco |
| Viċi-Sindku | D/Segretarju Eżekuttiv |

# Kunsill Lokali Gżira

27 ta' Novembru 2008

Ref Nru.Klg5/023

Minuti tal-laqgħa Nru.Klg5/23 li saret il-Ħamis 30 t' Ottubru 2008.

Il-Kunsill iltaqa' fl-Uffiċċju tiegħu 283/1 Triq D'Argens Gżira fl-4.00 p.m.

Preżenti

Erba' membri li kienu s-Sindku Chris Bonett, il-Viċi-Sindku Dunstan Attard, il-Kunsillieri Anthony Abela u Joe Camilleri flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv Rowena M. Borg u d-D/Segretarju Eżekuttiv Marion Monaco.

**Assenti:**

Il-Kunsillieri Malcom Camilleri, Ian Micallef u Victor Rutter.

***Chairman***

Is-Sindku Chris Bonett ppreseda l-laqgħa

**Agenda**

Il-Kunsill mexa fuq l-avviż li ħareġ fit-28 t' Ottubru 2008.

Il-Kunsillier Joe Camilleri nforma li l-Kunsillier Malcolm Camilleri kellu ntenzjoni li jattendi għall-laqgħa li saret fid-29 ta' Settembru 2008, iżda m'attendiex għax kellu kuntratt urġenti u mhux bi protesta. Huwa kompla jgħid, li l-Kunsillier Malcolm Camilleri kien ċempel anke l-Kunsill.

Għaldaqstant, il-Kunsill qabel unanimament li ssir korrezzjoni fil-minuti u jitnizzel skużat u mhux assenti għar-raġuni hawn fuq imsemmija.

Inqrat l-*e-mail* mibgħuta mill-Kunsillier Ian Micallef datata 30 t'Ottubru 2008, indirizzata lis-Segretarju Eżekuttiv fejn fost affarijiet oħra, kiteb li l-Kunsillieri Nazzjonalisti kienu qed jikkontestaw dak li kien qed jingħad mis-Sindku fir-rispett tal-laqgħat tal-Kunsill, għaliex jikkostitwixxi diskriminazzjoni kontra l-membri tal-*group* minoritarju fil-Kunsill Lokali u talab spjegazzjoni għaliex l-Agenda nħarġet bil-firma tal-Viċi-Sindku.

Il-Kunsill ġie nfurmat, li l-Kunsillier Ian Micallef kien ċempel u qal li l-Kunsillieri Nazzjonalisti ma kienux ser jattendu għall-laqgħa minħabba l-fatt, li kienet qed issir matul il-ħin tax-xogħol tagħhom.

Iċ-*Chairman* qal, li ħadd m'għandu ebda skuża għaliex il-Kunsill kien qabel li l-laqgħat tal-Kunsill kienu ser isiru l-aħħar Tlieta u/jew l-aħħar Ħamis tax-xahar. Huwa kompla jgħid, li fil-ħin ma kienx hemm qbil minħabba l-fatt, li l-membri eletti f'isem il-Partit Laburista kienu pproponew li l-laqgħat isiru fis-2.00 p.m. filwaqt li dawk eletti f'isem il-Partit Nazzjonalista aċċettaw li jsiru fl-4.00 p.m. u dan għaliex, l-istess Kunsillier Ian Micallef kien qal, li jiġu siegħa tard għall-laqgħa kif jispiċċaw mix-xogħol. Hu ma kienx qed jitfa lill-Kunsillieri tal-P.N. kollha f'keffa waħda minħabba li l-Kunsillier Malcolm Camilleri kien qed jagħmel xogħol tal-Kunsill u ma kienx qed jattendi, minħabba l-*minority leader*. Għalhekk, m'għandhomx jitnizzlu skużati.

Għalhekk, il-Kunsill qabel unanimament, li ma ssir ebda korrezzjoni fir-rispett tal-Kunsillieri Ian Micallef u Victor Rutter għall-laqgħa tad-29 ta' Settembru 2008, filwaqt li l-Kunsillier Malcolm Camilleri jitnizzel skuzat.

Għall-mistoqsija tas-Segretarju Eżekuttiv, il-Kunsill qabel unanimament li fir-rispett tal-laqgħa tat-30 t'Ottubru 2008, it-tlett Kunsillieri eletti f'isem il-Partit Nazzjonalista, għandhom jitnizzlu assenti.

Rigward l-ispjegazzjoni għall-fatt li l-*Agenda* ġiet iffirmata mill-Viċi-Sindku, dan ta' l-aħħar qal, li hu bħala Viċi-Sindku għandu ċertu obbligi li jista' jagħmel meta s-Sindku jkun indispost u peress li s-Sindku kien indispost minħabba mpenn ta' xogħol, ffirmaha hu l-*Agenda*.

Iċ-*Chairman* żied jgħid, li jekk kien skorrett, jitlob lill-Kunsillier Ian Micallef jigwidah abażi ta' liema dispożizzjonijiet tal-liġi kien qed jirreferi.

Dawn l-emendi tressqu b'mozzjoni miċ-*Chairman*, ssekondata mill-Kunsillier Joe Camilleri.

## 1. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti

**1.1.** Il-minuti tal-laqgħa li saret it-Tnejn 29 ta' Settembru 2008, ttieħdu bħala moqrija u ċ-*Chairman* stieden lill-Kunsillieri jressqu l-korrezzjonijiet tagħhom.

Minħabba l-fatt, li ma kienx hemm aktar korrezzjonijiet, il-minuti kif emendati ġew approvati unanimament mill-Kunsill b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman*, ssekondata mill-Kunsillier Anthony Abela.

## 2. Materji Konnessi

**2.1. Paġna Nru: 3 para 2.1.- Diskussjoni u Deċiżjoni dwar ħruġ ta' *Tender for the Upgrading Works at Council of Europe Gardens Gżira***

Il-Kunsill ġie nfurmat li kienu ġew ippubblikati l-avviżi fil-ġurnali ta' kuljum, fill-Gazzetta tal-Gvern u l-ġurnal Kulħadd rigward is-suġġett sopraċitat u d-data ta' l-għeluq kienet l-Erbgħa 26 ta' Novembru 2008.

**2.2. Paġna Nru: 4 para 3.4.**

Il-Kunsill qabel unanimament b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman*, ssekondata mill-Kunsillier Anthony Abela, li jingħata l-ammont ta' €350.00 bħala parti mill-ispejjeż għaż-żewġ attivitajiet li saru fid-19 ta' Lulju u fit-30 t'Awwissu 2008 minħabba l-fatt, li matul din is-sena finanzjarja, l-klabb ma kienx ingħata ebda għotja.

**2.3. Paġna Nru. 4 para 3.8.**

Il-Kunsill ma sab ebda oġġezzjoni għall-*e-mail* mibgħuta mis-Sur George Chetcuti Ganado sabiex issir Keep Clear sign u parking bay quddiem il-bieb tax-*showroom* kif ġie kkonfermat mill-A.D.T. Għaldaqstant, dan ix-xogħol għandu jiġi nkluż fil-*workplan* li jmiss.

**2.4. Paġna Nru. 7 para 8.1. – *Update Activities Centre* Ħruġ ta' *Tender* tal-*Lift***

Il-Kunsill ġie nfurmat li l-avviżi għall-ħruġ tat-*tender* hawn fuq imsemmija kienu ġew ppubblikati fil-ġurnali ta' kuljum, fil-Gazzetta tal-Gvern u l-ġurnal Kulħadd u d-data ta' l-għeluq kienet l-Erbgħa 26 ta' Novembru 2008.

Tressqu l-kwotazzjonijiet ta' l-*air conditioners* li kienu: (ara *Appendix 1*)

| | |
|---|---|
| *Kencar Airconditioning Services –* | *€2,840.00 including vat 36,000btu*<br>*€5,590.00 including vat 38,000btu* |
| *General Gas Ltd –* | *€2,280.00 including vat 60,000btu* |
| *Tekno Airconditioning* | *€3,731.16 including vat 38,000btu* |
| *Airconditioning George Giordmaina* | *€3,610.57 including vat 36,000btu* |

Il-Kunsillier Joe Camilleri qal, li hu kien fela bir-reqqa dawn il-kwotazzjonijiet u fl-opinjoni tiegħu kien qed jirrikkomanda lid-ditta *Airconditioning George Giordmaina* minħabba l-fatt, li l-prezz kien vantaġġjuż għax kien jinkludi kollox u kien qed joffri garanzija ta' ħames snin li tibqa tgħodd kemm –il darba is-servizz isir mill-istess ditta mentri d-ditti l-oħra kienu qed jitħallsu *extra* għall-aktar *copper piping* u *chasing works*.

Huwa kompla jgħid, li jekk kemm –il darba tintgħażel id-ditta *Airconditioning George Giordmaina,* il-ħlas ta' 30% mill-ammont jiġifieri €1,083.17 irid jitħallas bħala *deposit*.

Dawn il-kwotazzjonijiet intbagħtu wkoll, lill-Kunsillier Malcolm Camilleri li qabel mar-rakkomandazzjoni li għamel il-Kunsillier Joe Camilleri.

Wara diskussjoni qasira, ċ-*Chairman* ppropona li l-Kunsill jimxi mar-rakkomandazzjoni li għamlu ż-żewġ Kunsillieri hawn fuq imsemmija u sar qbil unanimu b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman*, ssekondata mill-Kunsillier Anthony Abela li l-*air-conditioners* jinxtraw mingħand id-ditta *Airconditioning George Giordmaina* għall-prezz ta' €3,610.57 *including vat 36,000btu* u għall-ħlas tad-*deposit* ta' €1,083.17.

Il-Kunsillier Joe Camilleri qal, li hu kien diġa qed jara x'qed joffri s-suq dwar is-suffetti u mill-informazzjoni li ġabar, ġie gwidat li l-aħjar tip ta' suffett huwa *vinyl faced* u għalhekk kien qed jitlob lill-Kunsill sabiex jinħarġu kwotazzjonijiet u tiġi magħżula l-aktar offerta vantaġġjuża mingħajr in-neċessita' li titressaq qudiem il-laqgħa tal-Kunsill. Huwa kompla jgħid, li skont l-estimi, n-nefqa m'għandiex taċċedi l-ammont ta' €1,850.00 + VAT u għalhekk, il-Kunsill għandu jkun gwidat skont dawn l-estimi.

Iċ-*Chairman* talab lill-Kunsill sabiex jiġu trattati *items* Nru: 4 Approvazzjoni ta' *Request Sheets*, item Nru: 5 Mozzjoni u *item* Nru: 6 Diskussjoni re *tender* tal-*Collection & Separation at Source of Household and Commercial Waste and the Hiring of Skips*.

Il-Kunsill laqa' din it-talba.

**4. Approvazzjoni ta' *Request Sheets***

**4.1.** Tressqu r-*Request Sheets* minn Nru. 805 sa Nru. 841 (ara *Appendix* Nru.2) għall-approvazzjoni tal-Kunsill biex b'hekk ikun jista' jsir il-ħlas tal-kontijiet pendenti jew jiġu riżervati ammonti ta' flus mill-*budget*.

**4.2.** Il-Kunsillier Joe Camilleri qal, li fl-opinjoni tiegħu *Request Sheet* Nru. 839 m'għandiex titnizzel bħala Ċentru Nazzjonali Laburista iżda, Il-Kullħadd.

**4.3.** Wara diskussjoni qasira, r-*Request Sheets* minn Nru. 805 sa Nru. 841 ġew approvati unanimament mill-Kunsill b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman*, ssekondata mill-Kunsillier Joe Camilleri kif ukoll, *request sheet* Nru: 839 kif emendata.

**5. Mozzjoni - re konservazzjoni ta' l-enerġija u sabiex jitnaqqas il-konsum ta' elettriku**

**5.1.** Minħabba l-fatt, li la l-Kunsillier Ian Micallef bħala proponent tal-mozzjoni hawn fuq imsemmija u lanqas il-Kunsillier Malcolm Camilleri bħala sekkondant ma kienux preżenti, ġie deċiż li din tiġi diskussa waqt laqgħa li jattendu dawn iż-żewġ Kunsillieri.

**6. Diskussjoni re *tender* tal-*Collection & Separation at Source of Household and Commercial Waste and the Hiring of Skips.***

**6.1.** Rigward is-suġġett sopraċitat, ċ-*Chairman* qal, li hu kien informa lill-kuntrattur bil-ħruġ tas-Sejħa Għall-Offerti u għalhekk xtaq, li jinħatar kumitat bis-Sindku bħala *Chairman* u fin-nuqqas tiegħu, jkun il-Viċi-Sindku, il-Kunsillier Anthony Abela u Kunsillier elett f'isem il-Partit Nazzjonalista sabiex tiġi diskussa din il-Sejħa Għall-Offerti, ssir laqgħa mal-kuntrattur sabiex toħroġ din is-Sejħa fil-laqgħa li jmiss.

**3. Korrispondenza**

**3.1.** Ġiet ppreżentata l-korrispondenza li kienet waslet sat-30 t' Ottubru 2008 kif ukoll, ingħatat l-informazzjoni ta' laqgħat u stedin li l-Kunsill għandu ffissati għall-ġranet li ġejjin.

**3.2.** Inqraw l-ittri li rċevejna u dawk li ntbagħtu fosthom,

**3.3.** Rigward ittra legali mibgħuta mill-Avukat Joseph Zammit Mckeon għan-nom ta' Vanessa Dalli dwar inċident li ġara fid-19 ta' Diċembru 2007, fi Triq Edgar Bernard Gżira, l-Kunsill qabel unanimament li din tintbagħat lill-Avukat tal-Kunsill Dott. E. Woods li għandu jwieġeb l-ittra skont id-deċiżjonijiet meħuda fil-laqgħat tal-Kunsill li saru fit-28 ta' Frar u fis-27 ta' Marzu 2008, liema deċiżjonijiet kienu ġew ikkomunikati lid-ditta *Elmo Insurance.*

**3.4.** Il-Kunsill iddeċieda unanimament li ma kienx ser iħallas il-kont b'referenza DS 01497 lid-ditta GO plc minħabba l-fatt, li l-Kunsill ma kienx sodisfatt bis-servizz abbinat ma' dan il-ħlas.

**3.5.** Il-Kunsill qabel unanimament b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman* ssekondata mill-Viċi-Sindku, għax-xiri ta' *hardbound copy publication* ta' *Malta At War (published in 2001)* li tinkludi *comprehensive Index and a Contents (colour) section* għall-prezz ta' €103.97.

**3.6.** Inqrat ittra mibgħuta mill-*Happy Days Childcare Centre Ltd,* rigward proposti ta' *traffic management* matul il-ħinijiet ta' l-iskola.

Wara diskussjoni qasira, l-Kunsill qabel unanimament b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman* ssekondata mill-Kunsillier Joe Camilleri, li sakemm Triq San Albert tibqa' kif inhi fil-frattemp ta' liema, l-Kulleġġ ta' Stella Maris qed jistenna l-approvazzjoni ta' l-applikazzjoni mill-MEPA, din it-talba ma setgħetx tintlaqa. Kopja ta' l-ittra għandha tintbagħat lill-A.D.T.

**3.7.** Il-Kunsill ġie nfurmat li kienet intbagħtet kwotazzjoni mill-*Cleansing Services Department* għall-bdil ta' kaptelli miksura, tindif, *flushing* u *construction of pits c/w gratings and openings* fis-*Centre Strip* fi Triq ix-Xatt, jiġifieri mill-*A1 Bar* sal-*Waterfront Hotel*, għall-ammont ta' €3,245.00.

Il-Kunsillier Anthony Abela ta' rendikont taż-żewġ *site-inspections* li kellu kemm fil-15 kif ukoll, fis-16 t'Ottubru 2008, mas-Sur Carmel Baldacchino, mill-*Public Cleansing Department* fejn ġew individwati diversi xogħlijiet li għalihom kienet qed tirreferi l-kwotazzjoni hawn fuq imsemmija.

Il-Viċi-Sindku qal li fl-opinjoni tiegħu, l-Kunsill għandu l-ewwel jiċċertifika liema kienu dawk il-*culverts* li għandhom bżonn manutenzjoni għax il-problema kienet jekk dan kienx sadd normali jew kienux sfrundati.

Il-Kunsillier Anthony Abela qal, li kien hemm żewġ kuntratturi li jagħmlu dan ix-xogħol ta' spezzjonar ta' *Storm Water Culverts* bis-*CCTV system* li kienu, l-*General Ecological Services Co. Ltd* u d-ditta *Polisan*.

Wara diskussjoni qasira, l-Kunsill qabel unanimament li nikkuntattjaw id-ditti hawn fuq imsemmija sabiex jibgħatu kwotazzjoni għal dan ix-xogħol ta' spezzjonar kif ukoll, lill-*Public Cleansing Department* sabiex jagħti *breakdown* tax-xogħlijiet meħtieġa.

Il-Kunsillier Anthony Abela qal li fl-opinjoni tiegħu, l-Kunsill għandu jikkuntattja lill-Perit Edric Micallef mill-N.I.D. sabiex jibgħat stima tax-xogħlijiet tal-*culverts* li hemm bejn Triq Belvedere k/ma' Triq ix-Xatt sal-Waterfront Hotel.

Il-Kunsill qabel unanimament ma' dak li qal il-Kunsillier Anthony Abela.

**3.8.** Inqara r-rapport mibgħut mill-Perit tal-Gvern Jean Frendo lill-Għassa Sliema, dwar struttura perikoluża tal-latrina pubblika u li b'konsegwenza ta' dan, il-Pulizija ma kelliex alternattiva oħra ħlief li tagħlaq dan il-post għall-użu tal-Pubbliku.

Wara diskussjoni qasira, l-Kunsill qabel unanimament b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman* ssekondata mill-Kunsillier Anthony Abela biex ninfurmaw lill-Ministru tax-Xogħlijet Pubbliċi u Kostruzzjoni sabiex jibdew diskussjonijiet biex jiġi deċiż il-post fejn ser tinbena l-latrina pubblika l-ġdida minħabba l-fatt, li dak eżistenti, jifforma parti mir-rotta ta' l-*Manoel Island Link Road* u sakemm ikunu għaddejjin dawn id-diskussjonijiet, il-Gvern għandu jipprovdi *containers* b'*mobile toilets* bħalma kien hemm fis-sala ta' l-għadd tal-voti.

Il-Kunsill qabel ukoll, li temporanjament għandna nikru żewġ *mobile toilets* u jiġu nstallati fid-dħul tal-Ġnien u ninfurmaw lill-kuntrattur.

**3.9.** Il-Kunsill ġie nfurmat, li l-laqgħa mal-*Malta Tourism Authority* kienet ser issir il-Ġimgħa 21 ta' Novembru 2008, fil-11.00 a.m. fl-Auberge d'Italie. Rappreżentanti mill-Kunsill flimkien ma' rappreżentanti tal-lukandi kienu ser jiltaqgħu kemm maċ-*Chairman* s-Sur Sam Mifsud kif ukoll, maċ-*Chief Executive* s-Sur Josef Formosa Gauci.

Fil-frattemp, il-Kunsill bagħat jinforma lis-sidien tal-lukandi ta' din il-lokalita' sabiex jattendu għal *brain storming session* li kellha ssir il-Ħamis 13 ta' Novembru 2008, fit-3.00 p.m. fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill.

**3.10.** Il-Kunsill qabel unanimament b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman*, ssekondata mill-Kunsillier Joe Camilleri li l-ħinijiet tal-*loading/unloading bay* li hemm fi Triq ir-Rebħa jinbidlu u jaqraw :

8.00hrs – 12.00 hrs 16.00hrs – 19.00hrs.

**3.11.** Il-Kunsill qabel unanimament b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman*, ssekondata mill-Kunsillier Joe Camilleri li tiġi addottata l-istess proċedura bħal ma sar fil-każijiet simili jiġifieri, li ssir *U-shape barrier* u tiġi applikata l-*Bye-Law* ta' l-i*street furniture* għat-talba li saret mid-ditta *Planit Travel Corporate Centre.*

**3.12.** Kuntratt – *Street Lighting*

Rigward ir-risposta lid-Dipartiment Għall-Gvern Lokali dwar is-suġġett soprċitat, il-Kunsill iddeċieda unanimament li jikkonferma li m'għandux kuntratt u fid-dawl tar-riforma attwali li għaddejja mill-Gvern Ċentrali, jkun għaqli li dan il-Kunsill jistenna li dan il-proċess jiġi terminat u jirregolarizza l-pożizzjoni tiegħu skont l-eżitu tagħha. In vista ta' dan, il-Kunsill Lokali ma kienx ser jipproċedi bil-ħruġ tas-Sejħa Għall-Offerti, iżda ser jigwida ruħu mir-riżultat tar-riforma.

**3.13.** Il-Kunsill ma qabilx mat-talba li saret mis-Sur Charles Gatt li jingħata permess biex jintrama' *tower crane* fi Gżira Road.

3.14. Il-Kunsill xtaq li l-Perit Joe Bugeja jibgħat alternattivi oħra rigward il-parti ta' fuq ta' Triq Emanuele Giordano minħabba l-fatt, li din ssir tiżloq ħafna fix-xita.

**3.15.** Il-Kunsill ġie nfurmat li l-Perit tal-Kunsill kien iċ-ċertifika l-*pavement reworks* kemm fi Triq Ponsonby kif ukoll, fi Pjazza Meme' Scicluna. Filwaqt li l-Kunsill innota ċ-ċertifikazzjoni tal-Perit madanakollu, abażi ta' l-istess kontenut ma setax jilqa' din iċ-ċertifikazzjoni u minflok qabel unanimament li l-Perit għandu jerġa' jmur fuq il-post jiġifieri Pjazza Meme' Scicluna u jara li r-*reinstatement* jsir kif suppost.

In-segwitu li l-Kunsill m'aċċettax iċ-ċertifikat tal-Perit u invista tal-*performance* tiegħu matul din il-leġislatura, ċ-*Chairman* inkariga lill-Kunsillier Anthony Abela bħala *Chairman* ta' l-infrastruttura biex iħejji lista ta' diskrepanzi mill-Perit.

**3.16** Inqrat *e-mail* mibgħuta mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali datata 17 t'Ottubru 2008, dwar *Bus Shelters* u ġie notat li l-approvazzjoni ta' l-applikazzjoni għandha tintbagħat lill-A.K.L. filwaqt li għandha ssir talba għal kull lokazzjoni fejn hemm *Bus Stop* iżda m'hemmx *Bus Shelter*.

Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat, li filwaqt li l-Kunsill fil-passat kien diġa' ressaq talba għal kull lokazzjoni madanakollu, mhux fir-rispett ta' kollha ġew milqugħa minħabba li uħud minnhom ma jaqblux mal-linji ta' gwida ta' l-installazzjoni ta' *Bus Shelters* bħal fil-każijiet ta' Triq D'Argens faċċata ta' Muscat Motors u Triq D'Argens kantuniera ma' Triq San Gorg, ħdejn il-KFC fi Triq ix-Xatt tant, li kien ġie propost estenzjoni tal-bankina għal ġo Triq Gżira u fir-rispett tal-*Bus Stop* ta' Triq ix-Xatt kantuniera ma' Triq Ponsonby, it-talba ġiet irrifjutata minħabba lment minn residenta li toqgħod fejn hemm il-*Bus Stop* u dik li hemm fi Triq ix-Xatt faċċata ta' Triq Ponsonby, ma tistax issir jekk ma titwaqqax il-banka tal-lottu għaliex għandhom saqaf komuni tant, li l-Kunsill qabel il-privatiżazzjoni ta' dan il-Dipartiment kien beda diskussjonijiet iżda ma tkomplewx meta dan ġie pprivatizzat.

Wara din id-diskussjoni, l-Kunsill qabel unanimament b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman*, ssekondata mill-Kunsillier Joe Camilleri li titressaq it-talba fir-rispett tal-bdil tal-*Bus Stop* u ssir installazzjoni ta' *Bus Shelter* fi Triq Msida faċċata tal-*King George Bar* u jekk ikun il-każ, jiġu riveduti t-talbiet tal-*Bus Stops* hawn fuq indikati.

**3.17.** Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat, li kopja tal-korrispondenza kienet disponibbli.

**7. Affarijiet Oħra**

**7.1.** Ġie deċiż li tintbagħat *work plan* b'data ta' skadenza lid-ditta Asfaltar – għal diversi xogħlijiet fil-lokalita' u jekk kemm –il darba dan ix-xogħol ma jsirx, tinħareġ *default notice.* Kopja ta' din il-*work plan* għandha tintbagħat ukoll lill-Perit tal-Kunsill.

**7.2.** Il-Kunsillier Joe Camilleri qal, li fl-opinjoni tiegħu dawk l-i*skips* li kienu mingħajr permess għandhom jitneħħew u din il-materja għandha tkun *item* fuq l-*Agenda*.

**8. Laqgħa Oħra**

**8.1** Peress li ma kienx hemm affarijiet oħra, l-laqgħa ntemmet fis-7.15 p.m.

| | |
|---|---|
| Dott. Chris Bonett LL.D. | Rowena M. Borg B.A. Dip Mgmt M.I.M. |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiiv |

Gzira Local Council

**Ref No: K354/119/08**

**October 2008 KLG5/23**

| R/Sheet No: | Description | Value € | Chq No: |
|---|---|---|---|
| 805 | Conmal Ltd invoice No: 1241 maint bozoz | 161.94 | 5693 |
| 806 | J.F. Mallia invoice No: 04 mwp30/08 maint bozoz | 147.68 | 5692 |
| 807 | J.F. Mallia invoice No: 05 pt mwp30/08 Ġnien Kunsill ta' l-Ewropa bdil ta' 27 PLS U 7 globi | 476.90 | 5691 |
| 808 | J.F. Mallia invoice No: 09 mwp 30/08 upgrading bozza St Albert/Rue D'Argens | 158.40 | 5694 |
| 809 | J.F. Mallia invoice No: 011 pt mwp30/08 maint Triq ir-Rebħa | 41.79 | 5695 |
| 810 | J.F. Mallia invoice No: 013 mwp32/08 maint Triq Luqa Briffa | 23.76 | 5696 |
| 811 | Environmental Landscapes Cons. Inv. invoice 004452 maint Soft Areas Sept.08 | 2212.92 | 5632 |
| 812 | S. Rausi Trading invoice 21051676 Drinking Water | 51.76 | 5633 |

| | | | |
|---|---|---|---|
| **813** | **Infinite Fusion Technologies invoice 9419 re: Computers** | **155.65** | **5634** |
| **814** | **Kumitat Festi Esterni – parti mill-ispejjeż** | **350.00** | **5635** |
| **815** | **Tiling of two bathrooms Activities Centre** | **990.00** | **5589** |
| **816** | **Mr. John A. Bonello invoice 2008014 Ktieb – it-Tielet Qamar** | **12.00** | **5574** |
| **817** | **G4S (Malta) Ltd invoice 25879 Cash in Transit - 2 Trips Sept. 08** | **15.13** | **5636** |
| **818** | **Melita Cable plc Hello Service invoice 25726750 from 10.09.08 – 07.10.08** | **117.58** | **5637** |
| **819** | **Enemalta – application meter tad-dawl Pjazza Meme' Scicluna – Milied** | **116.47** | **5591** |
| **820** | **Em. Mifsud invoice 2397656 – Door to Door October 2008** | **5590.50** | **5638** |
| **821** | **Em. Mifsud invoice 2397657 Hire of Skips October 2008** | **432.87** | **5639** |
| **822** | **Em. Mifsud invoice 2397658 Public Convenience for Sept. 2008** | **836.06** | **5640** |
| **823** | **Em. Mifsud invoice 2397659 Bulky Service September 2008** | **968.90** | **5641** |
| **824** | **Mr. Joe Borg – Duck Food October 08** | **46.59** | **5642** |
| **825** | **Squire Bookshop invoice 6751 newspapers for the month of Sept. 2008** | **31.40** | **5643** |
| **826** | **Best Wishes – invoice 2397711-stationery** | **88.11** | **5655** |
| **827** | **Stardelta invoice Nos: 3993401/403/407 406/408/414** | **62.81** | **5656** |
| **828** | **The Toolbox invoice Nos: 7984/89/92/ 8028** | **48.98** | **5657** |

| | | | |
|---|---|---|---|
| 829 | KREA (Malta) Ltd invoice No: SOR049111 furniture Activities Centre | 2787.40- | 5588/5684 |
| 830 | Cleansing Services Dept. invoice No: GZR03 3 slabs opp A.1 Bar approved Sept. 08 | 141.60 | 5644 |
| 831 | GO plc invoice 21121016 tel 334254/341034 Calls Sept. Rent October 2008 | 54.31 | 5624 |
| 832 | GO plc invoice 21121027 tel 341616 calls Sept. 08 Rent Oct. 2008 | 23.53 | 5625 |
| 833 | GO plc invoice 21121870 tel 322157 calls Sept. Rent Oct. 2008 | 158.64 | 5626 |
| 834 | Sundry Handyman Expenses – Activities Centre | 51.48 | 5630 |
| 835 | Steve R. Farrugia invoice No: 44 Street Sweeping grass cutting & Mechanical Sweeper for Sept. 2008 | 4665.72 | 5645 |
| 836 | Steve R. Farrugia invoice No: 40 Extra Services Sundays Sept. 2008 | 378.52 | 5646 |
| 837 | D.O.I. Adverts 2 Tenders Glc01/08 Lift Glc02/08 Upgrade Ġnien | 18.64 | 5590 |
| 838 | ECO Skola Antonio Bosio Gżira | 12.00 | 5618 |
| 839 | Ċentru Nazzjonali Laburista invoice No: 11953 – 2 adverts Tender GLC01/08 Lift GLC02/08 Upgrade Ġnien | 176.06 | 5658 |
| 840 | Greenlines Env. Serv. Invoice No: 14501 Hiring & Cleaning of 2 Mobile Toilets – 30 Days Sept. 2008 | 354.00 | 5706 |
| 841 | Data Protection Commissioner Annual fee 2006/07 – 2007/08 – 2008/09 | 69.87 | 5659 |